MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 172/2012

Kawza fil-lista: 13

**A F G**
**vs**
**B R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-6 ta’ Mejju 1990, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) moghtija fil-11 ta’ Novembru 2009;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kundizzjonijiet mahsubz fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi 66C.

Bl-ispejjez.

Rat li ghalkemm il-konvenuta hija notifikata ma pprezentatx risposta;

Rat l-atti tal-kawza;

Semghet lill-attur;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata;  ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------